**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 29 ta' Jannar 2020**

**Rikors Numru : 390/2019JPG**

**Kawza Numru : 19**

**PA**

**Vs**

**HV**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' PA, karta tal-identita 385369 M datat 26 ta' Awwissu 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewwġu nhar id-19 ta' Diċembru 1992 (Dok A anness) u miż-żwieġ tagħhom twieldu erba' ulied, mil-liema llum O u J biss għadhom minuri;*

2. *Illi l-partijiet isseparaw definittivament permezz ta' kuntratt pubbliku in atti tan-Nutar Robert Micallef tal-ħamsa u għoxrin ta' Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (25/08/2017) u dan kif jirriżulta minn Dok B anness;*

3. *Illi madankollu l-partijiet kienu ilhom jgħixu ħajja separata de facto sa mis-sena elfejn u erbatax (2014) meta effettivament inbdew il-proċeduri ta' medjazzjoni bejn il-kontendenti;*

4. *Illi skont l-istess kuntratt, il-partijiet iddekadew mid-dritt reċiproku li jitolbu u*

*jottjenu manteniment għal xulxin;*

5. *Illi fir-rigward tal-ulied, ir-Raġel ħallas il-manteniment dovut minnu bħala lump sum bil-quddiem, billi ha sehem inqas mill-komunjoni tal-akkwisti, kif jirriżulta minn klawsola numru 7 B i, filwaqt li ġie miftiehem li huwa ser ikun unikament responsabbli għall-manteniment tal-wild O li effettivament jabita miegħu u għalhekk m'hemm ebda arretrati ta' manteniment dovuti bejn il-kontendenti;*

6. *Illi bejn il-partijiet m'hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni, anke l-għaliex huma għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;*

7. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet rikjesti mil-liġi għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66 B tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti jogħġobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan tal-aħħar jirreġistra l-istess fiċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet.*

*U dan taħt kull provvediment ieħor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' HV datata 18 ta' Ottubru 2019, a fol 24, li taqra hekk:

1. *Illi hi ma topponix għad-divorzju b'dana li hija ma għandhiex tbati l-ispejjeż tal-proċedura stante li mhux hi bdiet din l-istanza u huwa r-rikorrenti li għandu interess li jiddivorzja;*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**PA** xehed (fol 30) illi huwa iżżewweġ lil HV fid-19 ta' Diċembru 1992 u li minn dan iż-żwieġ kellhom erbat itfal. Illi dan iż-żwieġ ma rnexxiex u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni. Xehed illi huwa u l-mara tiegħu ilhom ma jgħixu flimkien għal erba' snin, u li kien huwa li telaq mid-dar. Illi mis-separazzjoni 'l hawn ma kienx hemm rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u li ma hemmx tama ta' rikonċiljazzjoni. Il-manteniment tħallas bil-quddiem, u għalhekk arrettrati ta' manteniment ma hemmx.

**HV** xehdet (fol 32) u ikkonfermat u ikkorraborat dak li xehed PA.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta***

***li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-19 ta' Diċembru 1992, (Vide Dok A fol 4) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom erbat itfal, li tnejn minnhom ghadhom minorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Robert Micallef, datat 25 ta' Awwissu 2017 (vide Dok. B fol 5 et seqq.) ghalkemm kienu ilhom isseparati *de facto* sa mill-2014. Għalhekk jirriżulta li l-partijiet ilhom separati *de facto* għal aktar mill-erba' snin li trid il-liġi.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre illi gie pruvat li ma kienx hemm rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u lanqas ma hemm prospett ragonevoli ta' l-istess bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti rnexxilhu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex

z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**